MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 18/2008

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**l-Avukat Dottor Richad Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lil minuri E F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta' Jannar 2008 li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Novembru 1999, wara li l-konvenuta kienet weldet lill-minuri E F B, liema minuri gie rikonoxxut mill-attur bhala ibnu; [2] li fl-ahhar xhur l-attur dahlulu suspetti serji wara li tarrfulu li l-imsemmi tifel mhuwiex il-wild naturali u bijologiku tieghu, izda huwa frott ta' relazzjoni

precedent li kellha l-konvenuta C D; li meta l-attur irrinfacja lil din il-konvenuta b' dan it-taghrif qaltlu "dak messek rajtu qabel, issa fuqek qieghed."; li hemm lok sabiex jsiru t-testijiet tad-DNA biex jigi stabbilit jekk l-attur huwiex fil-fatt il-missier naturali tat-tifel; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri E F B ma hux il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur A B b' lok ghalhekk illi ghandha ssir korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri E F B numru 4740/98 billi jigu ikkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta' l-attur u l-istess jigu sostitwiti b' dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta qed t ecepixxi illi r-rikors mahluf promotorju mhux konformi ma' l-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament il-konvenuta qed tecepixxi illi l-attur iddekada mid-dritt tal-azzjoni skond l-Artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza l-azzjoni odjerna hija wahda perenta;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu pprovati mill-attur u dana billi kien l-istess attur li rrikonoxxa l-minuri in kwistjoni qabel iz-zwieg tieghu mal-konvenuta eccipjenti bhala ibnu fl-att tat-twelid in kwistjoni u f' kaz li l-attur ma jirnexxilux jipprova dan din il-kawza ghandha tigi deciza kontra tieghu bl-ispejjez kontra tieghu;

4. Illi ghar-rigward tal-'capo spese', certament minhabba r-raguni msemmija f' punt numru tlieta (3) il-

konvenuta eccepjenti m' ghandu tbati l-ebda spejjez tal-proceduri odjerni;

5. Salv difizi ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent li volontarjament u minghajr ma kien soggett ghal xi presunzjoni legali, irrikonoxxa lill-minuri bhala ibnu ma jistax jirtira dan ir-rikonoxximent minghajr ma jipprova li kien hemm vizzju fl-istess rikonoxximent u talba f' dan is-sens ghalhekk bilfors trid tkun preordinata ghat-talbiet maghmula fir-rikors guramentat.

3. Illi minghajr pregudizzju ukoll, jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Tant ghandu x' jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati nformaw lill-Qorti li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz,

u rrizervaw li jipprovdu r-risposta taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu l-konvenuta C D rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 2009 [fols.95 - 96];

Rat id-digriet moghti fl-24 ta' Gunju 2009 [fols.132 – 133];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi r-rapport xjentifiku u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E F B li twieled mill-konvenuta C D fit-13 ta' Dicembru 1998, u li fl-att tat-twelid tieghu numru 4740/98 kien gie rikonoxxut mill-attur bhala ibnu, mhuwiex fil-fatt il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur; u ghalhekk qed jitlob ukoll d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid. Min-naha taghha l-konvenuta qed issostni li l-attur kien irrikonoxxa lil dan it-tifel bhala ibnu, qabel iz-zwieg.

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li, gjadarba t-tifel twieled barra z-zwieg, u ghalhekk mhux kolpit bil-prezunzjoni legali, u gjaladarba l-attur kien irrikonoxxa lill-minuri bhala ibnu, ma jstax jirtira dak ir-rikonoxximent minghajr ma jipprova li dak ir-rikonoxximent kien vizzjat, "u talba f' dan is-sens ghalhekk bilfors trid tkun preordinata ghal-talbiet maghmula fir-rikors guramentat." [fol.24]

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li fit-13 ta’ Dicembru 1998 twieled mill-konvenuta C D t-tifel E F; u li l-attur accetta li jirrikonoxxh bhala l-wild tieghu, fl-att tat-twelid.

Illi sussegwentement fit-22 ta’ Novembru 1999 il-partijiet izzewwgu; izda wara konvivenza matrimonjali ta’ circa sentejn, huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Illi wara s-separazzjoni, u wara kwistjonijiet mal-konvenuta dwar il-manteniment tal-minuri, l-attur beda jsostni li l-imsemmi tifel mhux il-wild naturali tieghu; u fir-rikors promotur prezentat fit-18 ta’ Jannar 2008, huwa jghid “fl-ahhar xhur l-attur dahlulu suspetti serji” dwar il-vera paternita’ tal-minuri; filwaqt li l-konvenuta rreagixxiet bil-kliem: “dak messek rajtu qabel, issa fuqhek qieghed.”

Illi mill-provi, u precizamnet mir-rapport xjentifiku tad-DNA, ma hemmx dubju li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifel li hu kien irrikonoxxa bhala ibnu; izda l-effetti legali tar-rikonoxximent ghadhom vigenti.

Illi l-attur isostni li meta hu rrikonoxxa t-tifel, huwa kien gie ngannat jahseb li dan kien verament il-wild tieghu, b’ hekk l-att tar-rikonoxximent huwa vizzjat b’ qerq. Minn naha taghha l-konvenuta C D ssostni li meta l-attur rrikonoxxa t-tifel, hu kien konxju tal-fatt li l-missier naturali kien ragel iehor mhux l-attur, izda huwa xorta wahda baqa’ jinsiti li jirrikonoxxih bhala ibnu.

*Verzjoni Attur*

F’ dan ir-rigward il-Qorti ser tirrepeti testwalment il-profil tal-fatti kif moghtija mill-attur u li jinsab deskritt fid-digriet tal-24 ta’ Gunju 2009 hekk:

“Illi l-attur jispjega li huwa kien beda johrog mal-konvenuta C D ghal habta tas-sena 1998, u mill-bidunett tar-relazzjoni taghhom huma kien ikollhom relazzjonijiet intimi bejniethom minghajr prekawzjoni. Wara xi gimgha jew gimghatejn li bdew johorgu flimkien, l-konvenuta nfurmatu li kienet harget tqila, u f’ dak iz-zmien l-attur kien accetta s-sitwazzjoni, u li hu kien il-missier.

Sussegwentement fit-13 ta' Dicembru 1998 twieled it-tifel, u l-attur qiesu bhala l-wild tieghu. Huwa jghid li kien sema' ghejdut fis-sens li l-wild ma kienx fil-fatt tieghu, izda ma tax kaz taghhom, stante li kienx issema' ebda isem, u inoltre, hass li dawn l-ghajdut probabbilment kienu frott ta' ghira ta' terzi ghar-relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta.

Eventwalment dawn il-partijiet isseparaw, u beda jinqala' l-inkwiet fuq l-access u l-manteniment tat-tifel, bir-rizultat li l-attur kien anke spicca l-habs. Jirrizulta wkoll li l-attur ilu zmien twil ma jara lit-tifel.

Meta nghatat is-sentenza ta' habs, Dennis Mizzi, ir-ragel ta' ommu, mar jaghmel il-verifiki tieghu, u hemm sar jaf li l-attur kien izzewweg lil C fit-22 ta' Novembru 1999 u li sussegwentement kienu nfirdu. Dan ix-xhud jghid li minn investigazzjoni maghmula minnu, anke go hwienet tax-xorb, gie maghrraf f' Novembru 2007 li l-missier naturali tat-tifel ma kienx l-attur, izda kien certu Jason minn Birkirkara l-ex namrat tal-konvenuta;  u huwa nforma minnufih lill-attur b' din l-informazzjoni, li minn naha tieghu mar ghand l-avukat tieghu u fethu l-proceduri odjerni fit-18 ta Jannar 2008. L-attur spjega li hu kien ha din l-informazzjoni bis-serjeta' peress li gie identifikat missier it-tarbija, bl-ewwel isem tieghu u l-post fejn joqghod.

L-attur jghid li meta lill-konvenuta jghidilha li t-tifel mhux tieghu hija "jew ma titkellimx, jew gieghli tghidli 'haqqek' jew dawn l-affarijiet 'mhux inti accettatju fuqek?"

*Verzjoni Konvenuta*
Illi wara li nghata d-digriet precitat, il-konvenuta prezentat l-affidavit taghha, u tax-xhieda taghha.

Din tispjega fid-dettal kif kienet iltaqghet ma' l-attur, u l-fatti li wasslu ghar-rikonoxximent tat-tifel da parti ta' l-attur.

Il-konvenuta tispjega li hi kienet harget tqila f' April 1998 mill-gharus li kellha dak iz-zmien, identifikat b' ismu;  izda wara ftit, hassret ir-relazzjoni minn mieghu peress li skopriet li kien infidil lejha.  Kien f' dawn ic-cirkostanzi li hi,

allura tqila, kienet iltaqghet ma' l-attur, u eventwalment dawn bdew johorgu flimkien.

Tghid li hi kienet qaltlu lill-attur li kient tqila, u li minhabba f' hekk ma kienet ser taccetta li jaghmlu l-att taz-zwieg sakemm titwieled it-tarbija. Skond hi, l-attur accetta u r-relazzjoni bejniethom kompliet. Meta wasal iz-zmien li fih kellha titwieled it-tarbija, l-attur qallha li hu ma riedx li t-tifel tirregistrah fuq l-gharus [AB] precedenti taghha, u nsista maghha li, minflok, tirregistrah fuq ismu. Tghid: "kien jghidli li ahjar jaghmlu fuq kunjomu ghax hekk zgur li [AB] ma kien ikun jista' jaghmel xejn biex ihawwdilna hajjitna, u anke t-tifel kien ikollu hajja normali bla tahwid ….. Ghalhekk ipperswadini, u smajt minnu, ghax ma riedtx li wara li nkunu familja, u kollox sew, jigi AB u jistfrattana. It-tifel qatt ma ridtu jghaddi minn xi trawma aktar 'il quddiem." [fol.176]

Illi kien wara s-separazzjoni li l-attur beda jaqla' dawn l-affarijiet fuq it-tifel, u precisament minhabba kwistjonijiet dwar il-manteniment u l-access.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba, hija tal-fehema li ghandha taghti aktar affidament, in bazi ghal verosimiljanza, lill-verzjoni tal-konvenuta, u li hi sostnuta minn diversi xhieda; filwaqt li l-verzjoni ta' l-attur, ghalkemm sostnuta minn xhud, hija dghajfa mill-aspett tal-verosimiljanza.

Il-Qorti hi tal-fehema li l-attur ma kienx veritier meta sostna li, meta rrikonoxxa lit-tifel, hu ma kienx jaf li dan ma kienx wild tieghu.

Din il-konkluzjoni ssib konfort ukoll fis-segwenti: [1] il-fatt li l-konvenuta kienet dahlet f' relazzjoni mieghu <u>ftit taz-zmien wara</u> li kienet ghada kif tterminat ir-relazzjoni taghha minn ma' l-gharus precedent; akkompanjat mill-fatt mistqarr mill-istess attur li hu sar jaf li l-konvenuta kienet tqila "gimgha, hmistax" wara li kien beda johrog maghha [fol.102]; u [2] il-fatt ukoll allegat minnu, li hu ma kienx ta' kaz ta' l-ghajdut li waslulu fis-sens li t-tqala ma

kienitx minn tieghu. Il-Qorti tosserva li huwa ferm inverosimili li, fic-cirkostanzi, lill-attur ma jigihx dubju dwar il-paternita' tat-tifel li kellu jitwieled; u ukoll li ma kienx ta' kaz, u lanqas kien informa lill-konvenuta, allura gharusa tieghu, b'dawn l-ghajdut.

Il-Qorti hija tal-fehema li dawn il-konsiderazzjonijiet, jimmilitaw kontra t-tezi ta' l-attur; w jdghajfuha b'mod serju, partikolarment fid-dawl tax-xhieda prodotti mill-konvenuta; u ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li meta l-attur iddecieda li jirrikonoxxi lill-imsemmi tifel bhala ibnu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, huwa ghamel hekk bil-konsapevolezza shiha li t-tifel ma kienx wild tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**

Illi in tema legali jigi osservat is-segwenti:

[1] Illi fil-ligi taghna l-gharfien ta' tifel imwieled barra z-zwieg jista' jsir biss mill-missier u mill-omm, kemm mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament [Art.86].

[2] Illi l-gharfien jista' jsir fl-att tat-twelid tat-tifel jew b' att iehor pubbliku, qabel jew wara t-twelid [Art.87.1].

[3] Illi l-gharfien ghandu bhala l-effett legali tieghu dak li jaghti lill-genitur li jkun gharaf lil ibnu mwieled barra z-zwieg, id-drittijiet kollha tas-setgha tal-genituri minbarra l-uzufrutt legali [Art.90.1].

[3] Illi l-att li bih jigi maghruf tifel, jista' jigi attakkat mit-tifel, kif ukoll "minn kull min ikollu interess" [Art.99]

Illi in propozitu ghal din in-norma legali, din il-Qorti tikkunsidera opportun li taghmel referenza ghal-ligi Taljana, li f'dan ir-rigward tghid li: "Il riconoscimento puo' essere impugnato per difetto di veridicita' dall' autore del riconoscimento, da colui che e' stato riconosciuto o da chiunque vi abbia interesse." [Codice Civile annotato – Adolfo Di Majo, 2003].

L-awtur Taljan Francesco Gazzoni jghid, u jiccita gurisprudenza Taljana, li r-rikonoxximent jista' jigi mpunjat ghar-raguni fuq indikata "a prescindere dalla buona o mala fede del dichiarante e dall' interesse del figlio, se minorenne" izda fil-kaz li minn jirrikonoxxi jkun f' mala

fede dan “dovrebbe risarcire il-danno al preteso figli” [Manuale di iDiritto Privato [X] edizione [2003] pg.406]

L-awtur Francesco Ricci [Corso-Teorico Pratico di Diritto Civile] dwar il-frazi “chiunque vi abbia interesse” jghid hekk: “Notiamo in primo luogo che la legge parla d’interessi in senso generali, nella quale espressione si comprendono tanto gl’ interessi morali che I materiali o pecuniari [Vol.1. parte 2 para.101]; u dwar il-bazi guridika tan-norma li tikkontempla l-impunjazzjoni tar-rikonoxximent, jghid li min jattakka att ta’ rikonoxximent validu fil-forma “non fa che dire al genitore che l’ ha fatto; tu, nell’emettere la tua dichiarazione, hai mentito; il figlio che hai riconosciuto per tuo, non ti appartiene.” [para.99]

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema:
[1] li l-attur jidhol fit-termini tal-ligi taghna taht il-frazi “kull min ghandu nteress” irrispettivament jekk l-interess huwiex wiehed ta’ natura morali jew pekunjarja. Ghalhekkk huwa ghandu l-interess guridiku necessarju biex jippromwovi l-azzjoni odjerna.
[2] li l-att ta’ gharfien tieghu tal-minuri E F sar fl-att tat-twelid, u ghalhekk dak mitlub minnu, u precizament il-korrezzjoni ta’ l-istess att tat-twelid jekwivali ghal talba sabiex jimpugna l-istess att.
[3] li, gjaladarba rrizulta manifest mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici li t-tifel mhuwiex wild naturali tieghu, jirrendi l-att tar-rikonoxximent vizzjat b’ falsita’ fis-sens li l-att sar minn persuna li mhijiex il-missier naturali tat-tarbija; *multo magis* meta mill-provi jirrizulta li l-attur kien jaf b’ dan il-fatt u xorta wahda rrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu naturali u legali. Dan l-ahhar fatt jirrendih in mala fede, u soggett ghall-hlas ta’ l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur, u, filwaqt li tiddikjara li l-minuri E F B li twieled mill-konvenuta C D fit-13 ta’ Dicembru 1998 mhuwiex il-wild naturali tieghu, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid [numru 4740/98] ta’ l-istess minuri fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------